MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 408/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kenneth Farrugia talli fid-29 ta' Dicembru 2001, ghall-habta tas-2.30 p.m., fi Triq Sant'Andrija San Giljan, waqt li kien qed isuq vettura Nru. KEN-306:

(1) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi *per durata* fuq il-persuna ta' Natasha Schembri, skond kif iccertifika Dr. Moses Camilleri M.D. ta' S.L.H.;

(2) Involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Darren Borg, skond kif iccertifika Dr. Nick Refalo M.D. ta’ S.L.H.

(3) Fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Mark Mifsud skond kif iccertifia Dr. Moses Camilleri M.D. ta’ S.L.H.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Kenneth Farrugia jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Dicembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Kenneth Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 226, 221 u 17 tal-Kap. 9 u l-artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65, ikkundannat lill-imsemmi Kenneth Farrugia ghal multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) u skwalifikatu milli jkollu il-licenzja tas-sewqan ghal tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Kenneth Farrugia pprezentat fit-18 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwetament tilliberah minn kull htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) hawn si tratta ta’ delitt kolpuz u min iwettaq tali delitt ikun hati jekk ikun naqas mil-livell mehtieg ta’ diligenza u dan billi ma jkunx ha l-prekawzjonijiet kollha possibbli ghal dak li umanament huwa prevedibbli. F’dan il-kaz kienu l-*pedestrians* li holqu emergenza subitaneja meta qabdu u qasmu minn punt li ma kienx idoneju u b’hekk ikkawzaw l-incident in kwistjoni; (2) l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant kellu htija *in parte* ghax l-ispeed tieghu kien aktar minn ghoxrin kilometru fis-siegha, meta l-ispeed ma kellu x’jaqsam xejn ma’ l-incident.

L-aggravji ta' l-appellant bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, l-appellant qieghed isostni illi l-incident in kwistjoni gara unikament minhabba l-mod inkonsult kif Natasha Schembri, Darren Borg u Mark Mifsud qabdu u qasmu t-triq minn post fejn ma kellhomx jaqsmu u ghalhekk huwa ma kellux viziv tajjeb u bizzejjed sabiex jarahom u jaghmel dak kollu possibbli biex jevita s-sinistru. L-appellant jikkkontendi li nholqot emergenza subitaneja a kawza ta' l-agir irresponsabbli tal-vittmi f'dan l-incident. Barra minn hekk isostni illi anke jekk kien ghaddej b'velocita` aktar minn ghoxrin kilometru fis-siegha, dan ma setax iwassal ghall-htija tieghu peress illi t-triq mnejn kien ghaddej

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

tippermetti sewqan ta’ erbghin kilometru fis-siegha. Kieku l-velocita` li kien ghaddej biha kienet eccessiva u li twassal ghall-*culpa*, l-effetti ta’ l-iskontru kienu jkunu ferm aghar. Difatti ma’ l-ewwel opportunita` li kellu biex jara l-vittmi, huwa bbrejkja izda kien diga` tard wisq a kawza ta’ l-agir ta’ l-istess vittmi.

*In subiecta materia* gie ritenut illi l-*pedestrian*, ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero`, dan ma jassolvix lis-sewwieq tal-vettura milli juza dak il-grad ta’ *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet krejata mill-*pedestrian* lis-sewwieq, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitaneja imprevedibbli li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Formosa,** Vol. XLIII.iv.1023). F’sentenzi ohra gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitaneja tavvera ruhha, e.g. “meta jaqsam f’daqqa u jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat” (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Thornton**, Vol. XLV.iv.920) jew meta “*pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain**, Vol. XLVI.iv.765).

Mill-banda l-ohra gie wkoll ritenut li sewwieq ma jistax jissolleva b’success id-difiza ta’ l-emergenza subitaneja meta l-emergenza jkun holoqha hu (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Capt. Arthur Gera**, Vol. XLII.iv.1542). Dan ghaliex f’kaz simili s-sewwieq ikun qieghed isofri minn *self-inflicted incapacity*, effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

Gie ukoll dejjem ritenut li f’sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor (Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Gaetano Schembri**, 16 ta’ Marzu 1961; **Il-Pulizija v.**

**John Polidano**, 3 ta’ Novembru 1963; **Il-Pulizija v. Rev. Carmelo Mifsud**, Vol. XXXVII.iv.1131; u ohrajn). Dan ghaliex in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Vassallo**, Vol. XXXVIII.iv.883).

Issa fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti, li semghet ix-xiehda *viva voce* u zammet access fuq il-post, ghalkemm ikkonkludiet li l-*pedestrians* ikkontribwew ghall-incident billi kienu qed jaqsmu t-triq minn post li “ghal kollox kien riskjuz tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq u tal-uzu frekwenti taghha mill-vetturi”, ikkonkludiet li l-appellant ukoll kellu tort peress illi l-velocita` li kien ghaddej biha kienet elevata aktar minn dik minnu ammessa. Hija waslet ghal din il-konkluzjoni, cioe` li l-velocita` kienet aktar elevata, peress li kieku l-appellant kien verament ghaddej b’ghoxrin kilometru fis-siegha, ghall-avolja l-art kienet imxarrba bix-xita, huwa kien jilhaq izomm u ma jikkawzax id-dannu rizultanti: Darren Borg li mad-daqqa spicca tela’ fuq il-bonnett tal-vettura u qisu habat mal-*windscreen*, Mark Mifsud li jghid li sab lilu nnifsu man-naha l-ohra tat-triq wiccu ma’ l-art, u Natasha Schembri bi frattura f’saqajha.

L-appellant jargumenta illi t-triq minn fejn kien qieghed isuq tippermetti sewqan ta’ erbghin kilometru fis-siegha. Pero` dak li jrid jiftakar l-appellant mhux kemm hi l-velocita` massima permessa fl-inhawi izda, kif jghid il-Highway Code, li ghalkemm hemm velocitajiet massimi, *“there are numerous situations were prudence demands a lower speed in view of road surface and configuration, weather conditions, traffic density and presence of pedestrians or other hazards”*. Stranament m’hemmx qbil bejn il-vittmi u l-appellant dwar il-post ezatt fejn sar l-incident. Izda jekk wiehed jiehu bhala veritjera l-pozizzjoni indikata mill-appellant fuq il-pjanta Dok. X, din il-Qorti temmen, bhall-ewwel Qorti, li kieku l-appellant verament kien ghaddej b’ghoxrin kilometru fis-siegha kien jilhaq jara lill-*pedestrians* u jieqaf tempestivament. L-inhawi in kwistjoni huma maghrufin mhux biss ghall-*flow of traffic* izda anke ghan-numru ta’ *pedestrians* li kostantement

ikun hemm specjalment fil-hinijiet ta' filghaxija u bil-lejl, aktar u aktar fil-*week-ends* u granet festivi. Ghalhekk kull min ikun qieghed jimmanuvra vettura bejn in-nizla li taghti ghal Bay Street u Pender Place irid juza prudenza massima proprju minhabba *pedestrians* li jkunu qeghdin jaqsmu t-triq. F'dan il-kaz din il-Qorti temmen li l-appellant ma kienx qieghed isuq b'velocita` oghla minn dik permessa ghal-lokalita` izda xorta oghla minn dik li kienet tippermettilu jagixxi tempestivament. Barra minn hekk huwa kien gej mid-direzzjoni tar-Regional Road u ghalhekk kieku kien qieghed izomm *a proper look-out* kien imissu ra lill-*pedestrians* qabel ma fil-fatt rahom peress illi mir-Regional Road sal-punt ta' fejn sehh l-iskontru skond l-appellant, hemm bicca triq dritta li tippermetti vizwali lejn fejn illum hemm *roundabout* zghira. Il-fatt li kienet ix-xita mbaghad kienet raguni aktar biex jimmodera l-velocita` tieghu. Jigifieri l-appellant holoq *a self-inflicted incapacity* u konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti korrettement sabet htija fih.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perijodu ta' skwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------